# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 4**

**Rikors numru 57/12 AF**

**Il-Pulizija (Spettur Anthony Agius)**

**v.**

**Angelo Abela**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari</u>

1. Dan huwa appell maghmul mill-Avukat Generali u mill-Kummissarju tal-Pulizija [l-appellanti] minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Mejju 2016 li permezz taghha dik il-Qorti rrispondiet ghar-referenza maghmula lilha mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi,

filwaqt li ddikjarat li ma sabitx ksur tal-jedd fundamentali tal-intimat [l-appellat], allura imputat, taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni], sabet li d-dewmien sabiex jittiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu kien leziv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq taht l-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni Ewropea [il-Konvenzjoni] u, inoltre ddikjarat li l-istess proceduri kriminali jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-principju ne bis in idem kif mahsub taht l-Artikolu 4 tas-seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

2. Ir-referenza li tat lok ghall-proceduri odjerni taqra hekk:

> "tiddetermina jekk id-dewmien tal-Kummissarju tat-Taxxi biex jakkuza lill-imputat bir-reat odjern jilledix id-drittijiet tieghu sanciti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u biex tiddetermina wkoll jekk il-proceduri penali odjerni in kwantu jsegwu l-impozizzjoni ta' taxxa addizzjonali kontra l-imput jilledux id-drittijiet ta' l-imputat sanciti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni."

Is-Sentenza Appellata

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Ikkunsidrat illi fil-31 ta' Mejju, 2011, inharget tahrika lil Angelo Abela fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni li tghid:
>
> > "*inti akkuzat talli bhala Direttur tal-kumpanija Camela Contractors Limited (C-25539) ghas-snin 2000 u 2001 b'diversi atti maghmulin minnhekk, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda inqast li tibghat il-formuli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 nqast milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.*"

"Mill-atti jirrizulta li s-socjetà Camela Contractors Limited applikat ghal P.E. Number mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni f'Jannar tas-sena 2000, u fl-istess gurnata, nfetah kont fis-sistema tad-Dipartiment sabiex fih jibdew dehlin il-pagamenti mensili tal-FS5s. Mix-xhieda tar-rapprezentant tad-Dipartiment, Stefan Azzopardi, jirrizulta li f'dan il-kont dahlu biss id-dokumenti tal-ahhar tas-sena, senjatament l-FS7s u l-FS3, izda ma sarux l-pagamenti mensili tal-FS5 hekk kif kienet obbligata li taghmel is-socjetà Camela Contractors Limited. Sussegwentement dan il-kont waqaf jopera fl-2001, però qatt ma mtliet il-formola sabiex jinghalaq dan il-kont.

"Id-Dipartiment baghat numru ta' avvizi lis-socjetà in kwistjoni sabiex jinterpellawha thallas l-ammonti dovuti minnha. Mid-dokumenti esebiti minnu bhala Dok. SA 16 a fol. 57 tal-process jirrizulta li fl-2008, id-Dipartiment kien qieghed jippretendi hlas konsistenti fis-segwenti: Ghas-sena 2000 – Taxxa €2115, oltrè ma' €15,832.42 bhala bolol ta' l-impjegati; u ghas-sena 2001 – Taxxa €2546, filwaqt li €14,238.8 kienu dovuti bhala bolol ta' l-impjegati. Minn Dok. SA 17 jirrizulta wkoll li nghatat twissija ta' proceduri kriminali fit-8 ta' Lulju, 2010. Azzopardi, kkonferma li d-Dipartiment kiteb lill-Pulizija sabiex jittiehdu l-passi fil-konfront tal-akkuzat f'Lulju, 2011. Mistoqsi r-raguni ghalfejn dam daqshekk sabiex jinhareg l-avviz ghall-prosekuzzjoni kriminali fuq nuqqasijiet tas-snin 2000 u 2001, huwa ma setax jaghti raguni.

"F'xhieda ulterjuri tieghu, Azzopardi jispjega li ghar-rigward tas-sena 2000, id-dokumenti tat-taxxa kienu ntbaghtu u b'hekk id-Dipartiment kellu l-ammonti stabbiliti u finalizzati sa mill-24 ta' Lulju, 2003, izda fir-rigward tas-sena 2001, l-FS7 dahal ghandhom fil-21 t'Ottubru, 2011, sahansitra wara li nbdew il-proceduri kriminali (minn certu D. Camilleri ghan-nom ta' J. Camilleri). Dan ix-xhud ikompli jispjega li d-dokumenti tas-sena 2000 ma setghux jinstabu fid-Dipartiment peress li huma antiki, izda kien hemm id-*data* kollha mdahhla fil-kompjuter. Jghid ukoll li ghalkemm kienu nbdew il-proceduri kriminali kontra Joseph Camilleri, fl-istess gurnata li nharget it-tahrika fil-konfront t'Abela, dan Camilleri gie nieqes. Jirrizulta wkoll minn Dok SA 18 sa SA 20 li ghalkemm inghatat l-opportunità lis-socjetà Camela Contractors Limited, hija naqset milli taghmel uzu mill-iskema mahruga mid-Dipartiment li permezz taghha l-multi amministrattivi gew imnaqqsa b'90%, ghal min ihallas dak dovut f'pagament wiehed u bi 80%, ghal min jaghzel li jhallas dak dovut b'pagamenti rateali.

"Il-pretensjonijiet tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-konfront tas-socjetà Camela Contractors Limited, skond ix-xhieda tal-istess impjegat tad-Dipartiment, moghtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar, 2015, jikkonsistu fis-segwenti: Ghas-sena 2000 – Taxxa € 5604, kif ukoll €41,955 bhala bolol ta' l-impjegati; Ghas-sena 2001 – Taxxa €6441, oltrè € 36,044. 86 bhala bolol ta' l-impjegati. - liema ammonti jinkludu kemm it-taxxa, u t-taxxa addizzjonali, kif ukoll l-ammont originali tal-bolol, oltrè l-ammont ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali.

“Mix-xhieda ta’ Catherine Cachia, ukoll impjegata mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, rrizulta li d-Dipartiment kien bghatt diversi ittri fl-ufficcju tal-kumpanija, hekk kif kien jirrizulta mill-indirizz ta’ registrazzjoni tal-kumpanija. Izda wara li dawn baqghu gejjin lura, saru l-verifiki opportuni u ghalhekk fis-sena 2008, bdew jintbaghtu fl-indirizz tal-akkuzat Abela. Mistoqsija r-raguni ghaliex id-Dipartiment dam tant sabiex jiehu l-passi odjerni, hija tispjega li l-policy precedenti tad-Dipartiment ma kenitx li ssir din it-tip ta’ kawza kriminali, izda li tohrog akkuza ta’ mizappropriazzjoni, meta jkun hemm certu ammont ta’ flus involuti. Inoltrè hija esebiet kemm l-ittra li ntbaghtet fl-indirriz tal-akkuzat Abela, fil-25 ta' Awwissu, 2008, immarkata bhala Dok. CC2 a fol. 69 tal-process, kif ukoll ir-risposta ta'Abela ghaliha, esebita bhala Dok. CC3 a fol. 70 tal-process. F'din l-ahhar ittra Abela spjega id-diffikultajiet li kellu.

“Xehed Joseph Galea Musù li kien jokkupa l-kariga ta’ Kummissarju tat-Taxxi Interni sas-sena 1999 u qal li dwar in-nuqqas ta’ hlas ta’ kontribuzzjonijiet tal-impjegati, fiz-zmien li huwa kien jokkupa din il-kariga, r-rwol tad-Dipartiment kien limitat ghal rapport li jsir lill-Pulizija. Filwaqt li Carmel Conti, li kien jokkupa l-istess kariga bejn is-snin 2008 u 2011, jghid li kien hemm direttur specifikatament inkarigat fuq il-gbir ta’ flus u dan kien jagixxi b’konsultazzjoni mieghu. Huwa spjega li ftit wara li sar Kummissarju, kellu diskussjonijiet mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinbdew isiru l-proceduri taht l-artikolu 23, dan wara li d-Direttur koncernat jara li fejn il-bilanci jkunu ghadhom pendenti, minkejja li jkunu ntbaghtu l-avvizi opportuni, ladarba ma jsirx ebda hlas, jinbdew il-proceduri fil-Qorti. Meta d-debitur jibqa’ ma jhallasx, jittiehdu l-passi sabiex il-pulizija tagixxi kontra min ma jkunx hallas. Huwa ma kienx f’posizzjoni li jispjega ghaliex il-procedura taht l-artikolu 23 ma kenitx tintuza qabel, lanqas dwar kemm kien jithalla bhala terminu qabel ma jinbdew il-proceduri bil-Qorti jew kif in-nuqqas fil-kaz odjern tas-snin 2000-2001, sar mertu ta’ proceduri li nbdew fl-2011.

“Da parti tieghu, l-akkuzat Angelo Abela ressaq affidavit fejn huwa jghid li kienu zewg diretturi li jmexxu s-socjetà Camela Contractors Limited li kienet taghmel xoghol tal-elettriku u xoghol mekkaniku, hu u certu Joseph Camilleri. Huwa jispjega li filwaqt li fil-bidu t-tnejn li huma kienu jmorru fuq il-lant tax-xoghol, wara ftit zmien, Camilleri kien qallu li ma tantx kien kapaci ghal dan ix-xoghol u ghalhekk ftehmu li filwaqt li Camilleri jiehu hsieb tal-affarijiet tal-kumpanija mill-ufficcju, Abela kienu jiehu hsieb ix-xogholijiet tal-kumpanija fuq barra. Abela jispjega li huwa ftit jaf jikteb u jaqra u ghalhekk il-finanzi thallew f'idejn Camilleri li huwa kien jafda. L-ufficcju tal-kumpanija ghall-ewwel kien fi proprjetà mikrija lilhom minn missier Camilleri, sakemm wara ftit l-ufficcju taghhom kien rilokat fl-indirizz tar-residenza personali ta' Camilleri, fejn kienu jinzammu l-kompjuter, il-files u d-dokumenti kollha.

“Il-haddiema tal-kumpanija kienu jithallsu permezz ta' cekkijiet mill-kont tal-kumpanija, li ghalihom kien hemm bzonn kemm il-firma tieghu, kif ukoll dik ta' Camilleri. Huwa kien jiffirma c-cekkijiet in bjank peress li huwa kien jafda lil Camilleri u sabiex Camilleri jkun jista' jhallas id-debiti tas-socjetà taghhom. Meta s-socjetà taghhom kellha problema mal-bank, il-hlasijiet taghhom kienu jidhlu fil-kont personali tal-mara ta’ Camilleri u fejn kienu jinhargu cekkijiet minn dan il-kont, huwa ma kienx ovvjament jiffirma. Huwa kien minghalih li l-pagi tal-haddiema qeghdin jithallsu, sakemm fl-2002 il-haddiema fittxewhom bil-Qorti ghall-hlas ta' pagi. Xoghol kellhom u hlasijiet lill-kumpanija kienu qeghdin isiru wkoll. Camilleri kien jghidlu li kollox kien sejjer tajjeb u li kien ser ikollhom qliegh sostanzjali. Izda fl-2002 Camilleri nfurmah li ma kienx hemm flus u ghalkemm kellhom hafna xoghol, il-kumpanija kellha tieqaf topera. Huwa jghid li konsegwenza tal-ingann li wettaq Camilleri, huwa spicca biex kellu jaghmel tajjeb personalment ghad-dejn tas-socjetà taghhom, inkluz mal-Bank u ma krédituri ohra li tfaccaw maz-zmien. Lanqas ma seta’ jfittex li jigbor il-flus dovuti lill-kumpanija, peress li ma kellu xejn f'idejh.

“Rigward il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali tal-impjegati u t-taxxa taghhom, Abela jishaq li dawn kellu jiehu hsiebhom Camilleri u li hu ma kellu ebda ideja li dan ma kienx qed jaghmel il-pagamenti mehtiega u lanqas jaf x’sar mill-flus li kienu qeghdin idahhlu. Abela talab il-karti u l-kompjuter lil Camilleri u ghalkemm dan kien ghaddielu l-kompjuter, kellu l-memorja imnaddfa u baqa’ minghajr informazzjoni ta’ xejn. Huwa pprova jkellem lill-*accountant* taghhom Neville Chappelle, li jaf li Camilleri kien jitkellem mieghu. Huwa sar jaf li l-formoli tat-taxxa ma kienux intbaghtu meta d-Dipartiment tat-Taxxa fis-sena 2008, baghtlu ittra d-dar, li huwa wiegeb, kif jirrizulta mill-atti tal-process. Huwa jghid li llum jinsab f’diffikultà li jiddefendi lilu nnifsu peress li ma jistghux jinstabu d-dokumenti tas-socjetà Camela Contractors Limited, li qatt ma kienu fil-pussess tieghu. Meta staqsa lil Camilleri dan baghtu ghand l-*accountant*, filwaqt li *l-accountant* qal li dawn kien tahom lil Joe Camilleri. Inoltrè jirrizulta wkoll li Joe Camilleri miet fis-sena 2013. B'hekk Abela jispjega li jinsab fl-impossibiltà li jiddefendi lilu nnifsu. Fis-seduta tal-15 t'Ottubru, 2014, Abela jixhed illi qatt ma fittex lil Camilleri peress li ma kellux flus biex ihallas lill-avukati.

“Xehed ukoll l-*accountant* Neville Chappell u jghid li kien hu responsabbli ghad-dokumentazzjoni sabiex tigi ffurmata l-kumpanija bejn Camilleri (li kien gar tieghu) u Abela. Chappell kien jiehu hsieb il-kontabilità ta' Camela Contractors Limited bejn l-2000 u l-2001, izda ma kienx jiehu hsieb il-pagi jew il-formoli tal-FSS. Id-dokumenti ma kienx izommhom hu, izda kien imur l-ufficcju taghhom fejn kellu kuntatt l-aktar ma' Joseph Camilleri, peress li Abela kien jahdem fuq barra. Huwa kellu l-informazzjoni biex jaghlaq is-sena 2000 u baghat ir-return tat-taxxa, izda mhux tas-sena 2001, peress li Camilleri ma kienx qed juri interess u l-ufficcju spiss kien isibu maghluq. Fis-sena 2000, il-kumpanija kienet sejra tajjeb u ghalkemm ma kellhiex profit,

dan wiehed seta' jifhmu tenut kont tal-fatt li kienet l-ewwel sena li qeghda topera u peress li kellhom kuntratt kbir ma' lukanda dan ma kienx jinkwetah. Mill-*audited accounts* tas-sena 2000, irrizultalu li s-socjetà in kwistjoni kellha pendenti Lm3,300 dovuti principalment bhala kontribuzzjonijiet tas-sigurtà socjali u possibilment taxxa wkoll. L-*audited accounts* kienu gew moghtija lil Abela u Camilleri bhala *shareholders* u lill-Bank ukoll minhaba l-*overdraft facilities.* Jghid li Abela kien infurmah li huwa kellu jaghmel tajjeb ghall-facilità tal-bank bil-proprjetà personali tieghu u Abela ried li jaghlaq il-kotba tal-kumpanija, izda peress li ma kellux access ghad-dokumenti, (li ma jafx x'sar minnhom) ma setax jaghmel hekk.

"Mill-aspett ta' dritt, ghandu jinghad mill-ewwel, li ladarba ssir referenza kostituzzjonali bhalma hija dik in ezami, din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwistjoni fil-parametri tar-referenza maghmula lilha mill-ewwel Qorti. Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-15 ta' Novembru, 2011, fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v. Matthew John Migneco:**

> *"Billi l-kwestjoni tkun inqalghet quddiem Qorti li mhix il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-procediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mghoddijin lilha mill-Qorti li tkun ghamlet ir-riferenza, u jekk tonqos li taghmel dan jew titbieghed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeciedi extra petita."*

"Ir-referenza kostituzzjonali hija msejsa fuq zewg binarji:

1. "Ilment dwar id-Dewmien tal-Kummissarju tat-Taxxi biex jakkuza lill-imputat bir-reat in kwistjoni jilledix id-drittijiet tieghu sanciti permezz tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

"L-Istat dam ghaxar snin biex iressaq lil Abela quddiem il-Qrati kompetenti ta' gurisdizzjoni Kriminali, u ghalhekk il-mistoqsija li trid tigi ndirizzata hija jekk kienx hemm lezjoni id-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonevoli, kif tutelat bl-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. L-ewwel kwezit li jrid jigi determinat f'dan ir-rigward huwa jekk ghandux jigi nkluz l-ghadd taz-zmien li ghadda minn meta sehh il-fatt sakemm ittiehed il-kaz il-Qorti, jew inkella jekk l-ghadd taz-zmien jibdiex li jigi kkunsidrat minn meta nbdew il-proceduri legali.

"Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

> "*Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm il-darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi."*

“Fis-sentenza qabel imsemmija ta’ Ir-Repubblika ta’ Malta v. Matthew-John Migneco deciza mill-Prim’Awla (Sede Kostituzzjonali), inghad fir-rigward:

“*Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta jaghmilha cara li l-jedd ta’ smigh xieraq fil-qafas ta’ proceduri kriminali jiddependi minn (a) akkuza li (b) tkun qeghda tinstema’ minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b’ligi. Dan l-artikolu gie mfisser mill-Qrati taghna bhala li japplika biss fejn ikun inbeda procediment quddiem qorti li, fl-gheluq ta’ dak il-procediment, tista’ tasal biex taghti decizjoni li tiddetermina l-htija jew in-nuqqas ta’ htija tal-persuna akkuzata*”.

“Peress li l-ilment tal-imputat Abela hija dwar id-dewmien sabiex jinbdew il-proceduri legali u kunsidrat li taht l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni, tiskatta l-protezzjoni hekk kif jinbdew il-proceduri legali, ma jirrizultax lil din il-Qorti li l-imputat garrab ksur taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

“Madankollu huwa ritenut li s-sitwazzjoni hija kemmxejn differenti taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fis-sens li l-applikabbiltà tal-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq taht dan l-artikolu tal-Konvenzjoni hija usa' minn dik moghtija ghall-istess jedd taht il-Kostituzzjoni, peress li l-harsien tal-jedd ghal smigh xieraq japplika f'kull stadju tal-procediment. L-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi:

“*Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u tal-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi…”* (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti). - Ghalhekk l-Artikolu 6 jista’ japplika qabel persuna tigi formalment imressqa quddiem qorti.

“Kif ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-11 ta’ Novembru, 2011 fl-ismijiet **John Said proprio et nomine v. L-Avukat Generali:**

“*19. Illi kif jghidu l-awturi* ***Van Dijk u Van Hoof****, li l-ewwel Qorti kkwotat, “When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assesses the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case”.*

“*20. Ghalhekk skont dawn il-principji l-ebda fattur partikolari ma huwa wahdu konklussiv, imma l-Qorti trid tezamina l-fatturi kollha separatament biex tivvaluta l-effett kumulattiv fuq il-proceduri fl-intier taghhom sabiex tara jekk dawn gewx maghluqa fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti tista’ ssib li fattur partikolari kien leziv mentri fatturi ohrajn ma kienux...”*

"Fl-istess sentenza kien ritenut ukoll illi sabiex jigi determinat jekk is-smigh ta' xi proceduri sarx fi zmien ragonevoli, wiehed irid iqis ic-cirkostanzi kollha fil-proceduri in ezami, partikolarment:

1. "In-natura jew il-komplessità tal-kaz in kwistjoni;
2. "Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza; u
3. "Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati mill-istess awtorità gudizzjarja.

"Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li l-kaz kien jipprezenta xi kumplikazzjoni partikolari sabiex jigi investigat u li titressaq il-prosekuzzjoni tieghu jew li l-imputat fixkel jew tawwal iz-zmien b'xi mod. Minn naha l-ohra hemm korrispondenza fil-process li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni sejjah lil Joseph Camilleri ghall-hlas sa mis-sena 2003 u fil-kaz tal-imputat Abela, dan kien interpellat f'Mejju 2008 jigifieri tliet snin qabel ma nbdew il-proceduri kriminali fil-konfront tieghu u tmien snin wara li sehhew l-allegati nuqqasijiet fiskali li ghalihom kien mistenni li jwiegeb.

"Il-fatt hu li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni dam ghaxar snin biex iressaq lil Abela quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali. Minn ezami bir-reqqa tal-provi jirrizulta illi dan id-dewmien effettivament kien ta' pregudizzju ghall-imputat, tenut kont tac-cirkustanzi fejn siehbu fin-negozju miet, li huwa m'ghandux access ghad-dokumenti ta' xejn, kif ukoll ghalkemm ittanta li jirrimedja ghas-sitwazzjoni, billi jinkariga lill-*accountant* li kellhom sabiex jirregolarizza l-posizzjoni tieghu, dan ukoll sab ruhu fl-impossibità li jwettaq dan l-inkarigu ghar-ragunijiet esposti qabel. Tassew huwa minnu li l-imputat ma jistax iressaq l-ahjar difiza ghalih, peress li huwa impossibli ghalih jipprezenta l-ahjar dokumenti, l-ahjar xhieda jew provi biex jirribatti l-akkuzi imressqa fil-konfront tieghu u dan minhabba z-zmien esagerat li l-Kummissarju ha biex jiehu l-passi fil-konfront tal-imputat. (Il-Qorti tirreferi fil-kuntest ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Novembru 2012, fl-ismijiet **John Geranzi Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni et.**)

"Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-ilment mill-perspettiva tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jirrizulta gustifikat.

"2. Ilment dwar *Ne Bis In Idem,* cioe' jekk il-proceduri penali in kwantu jsegwu l-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali kontra l-imputat jilledux id-drittijiet tieghu a tenur ta' l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. Id-difensur tal-imputat jargumenta li l-Istat ghandu titolu ezekuttiv u drittijiet civili li huma kawtelati bil-ligi u ghalhekk ghandu l-mezzi legali mehtiega sabiex jezigi civilment il-hlas dovut. Jishaq ukoll li piena konsegwenzjali ghas-sejbien ta' htija tkun leziva tad-drittijiet tal-imputat.

"Artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi :

> "*Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali u jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghat tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat hlief wara ordni ta' qorti superjuri moghti matul il-kors ta' appell jew proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat:…"*

"Huwa ritenut li sabiex tirrizulta lezjoni tad-dritt sancit taht il-Kostituzzjoni, jehtieg li l-imputat ikun gie pprocessat minn Qorti, ai termini tal-provvedimenti tal-Kostituzzjoni. Mentri taht l-Artikolu 4 tas-Seba' Protocoll tal-Konvenzjoni, l-protezzjoni moghtija hija usa' fis-sens li tirrizulta vjolazzjoni jekk persuna tigi processata jew kastigata darbtejn ghall-istess reat. Fil-parti relevanti tieghu, dan l-ahhar imsemmi artikolu jaqra hekk:

> *"1. Hadd ma jista' jkun ipprocessat jew jerga' jigi kkastigat ghal darb'ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun digà gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta' dak l-Istat."*

"Abela jishaq li bil-fatt li gew imposti fuqu l-penali amministrattivi fil-forma ta' taxxa addizzjonali, a bazi tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, kif ukoll kontribuzzjoni addizzjonali a bazi tal-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurta Socjali u l-fatt li issa ser jigi pprocessat kriminalment ghall-istess nuqqas, li jgorr pieni ohra ghalih innifsu, kif provdut taht l-istess ligi rispettivament, ser jigi lez dan id-dritt tieghu. Dana peress li huma kollha naxxenti mill-istess fatt u cioe' in-nuqqas li jitnaqqas it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati tas-socjetà Camela Contractors Limited u li jithallsu dawn l-ammonti hekk imnaqqsin lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

"F'sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tal-21 ta' Frar, 2014, fl-ismijiet **il-Pulizija v. Godwin Muscat** li kienet titratta mertu identiku, ma kienx ritenut li kien hemm ksur ta' dawn il-provvedimenti peress li kien meqjus li sanzjonijiet amministrattivi li l-ghan warajhom huwa ntiz sabiex iservi kemm bhala deterrent kif ukoll bhala mizura punittiva, jwasslu li din tikkwalifika bhala "*criminal penalty*", izda peress li dik it-taxxa addizzjonali hija bbazata fuq id-diskrezzjoni tal-Kummissarju, allura ma kenitx meqjusa bhala wahda definittiva, kuntrarjament ghal sentenza li ssir gudikat. Il-Qorti f'dak il-kaz irriteniet li ma saritx il-prova li nhareg avviz kontra l-imputat personalment fejn gew imposti t-taxxi addizzjonali u jekk kemm il-darba johrog tali avviz kontra l-imputat personalment, huwa ghandu rimedju provdut fil-ligi fejn jista' jikkontesta l-ammonti pretizi u ghalhekk ma kienx ghad hemm decizjoni finali u kien ghad hemm ir-rimedji miftuhin.

"Mentri f'sentenza aktar recenti, tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Mejju, 2015, fl-ismijiet **Angelo Zahra v. L-Onorevoli Prim Ministru**

**et,** giet espressa l-fehma li ghalkemm il-piena amminstrattiva mhix wahda definittiva (peress li kif ritenut fis-sentenza Pulizija v. Godwin Muscat, fid-diskrezzjoni tal-Kummissarju, ai termini tal-Artikolu 23 (8) tal- Att dwar l-Amminstrazzjoni tat-Taxxa – Kap. 372, il-piena tista' tigi irtirata parzjalment jew fl-intier taghha); u skond l-istess ligi tista' tigi wkoll kontestata quddiem Qorti (taht l-Artikolu 23 (7) fi zmien hmistax-il jum min-notifika tal-avviz); jew sahansitra persuna tista' tinghata mahfra fejn il-Kummissarju jkun sodisfatt li n-nuqqas tal-pagatur ma kienx dovut ghal xi htija jew negligenza tieghu, (taht ir-regolament numru 24 (5) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14), ladarba l-multi mitluba mid-Direttur tat-Taxxi Interni li potenzjalment kienu jlahhqu eluf kbar ta' ewro, kienu sostanzjali u ma gewx irtirati, meta nbdew il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghar-reati bbazati fuq l-istess fatti, fatti li huma kklasifikati bhala reat kriminali – li fuqhom kien hemm imposti multi amministrattivi, l-imputat kien meqjus li gie processat darbtejn u penalizzat darbtejn u dan bi ksur tal-artikolu konvenzjonali in kwistjoni.

"F'dan is-sens giet citata wkoll sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Lucky Dev v. Sweden** (Appl 7356/10 deciz 27 ta' Novembru, 2014), fejn il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet li:

> "…*the aim of Article 4 of Protocol No.7 is to prohibit the repetition of criminal proceedings that have been concluded by a final decision..." qalet li l-fatt wahdu li kien hemm duplikazzjoni ta' proceduri, kriminali u amministrattivi, ghaddejjin fl-istess hin ma jinvolvix ksur tal-Artikolu 4 tal-Protokoll 7. Dak li f'dak il-kaz kien jinvolvi ksur ta' dak l-artikolu konvenzjonali kien il-fatt li, ghalkemm il-proceduri kriminali kienu gew konkjuzi qabel il-proceduri amministrattivi bil-liberatorja tal-applikant, dawn l-ahhar proceduri damu ghaddejjin ghal 9 xhur ohra, wara li l-applikanti kienet giet liberata. "Therefore the applicant was tried "again" for an offence for which she had already been finally acquitted".*
>
> "*29. Fid-dawl tal-premess, fil-kaz odjern jirrizulta li, fiz-zmien meta ttiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent konkluzi bis-sejbien ta' htija tar-reati li bihom kien gie akkuzat u konsegwentement ikkundannat piena, kienu gia` gew imposti fuqu multi "amministrattivi" ta' entità tant severa li ghandhom jitqiesu sanzjoni ta' natura penali. Ghaldaqstant fid-dawl tal-fatti kif zvolgew, il-proceduri kriminali kontra tieghu huma vjolattivi tal-Artikoli 4 tal-Protokoll 7. Dan ghandu jwassal ghan-nullità tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal- Magistrati [Malta] fid-9 ta' Marzu 2010 kif riformata mill-Qorti Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013.*
>
> "*30. Ghalhekk dan l-aggravju qed jitqies bhala fondat u qed jigi milqugh*."

"Din il-Qorti tikkontendi li din il-posizzjoni adottata mill-Qorti Kostituzzjonali f'din l-ahhar sentenza ghandha tapplika *mutatis mutandis* ghall-kaz in ezami. Ir-responsabbilità personali tal-imputat Abela tirrizulta mill-provvedimenti tal-ligi (artikolu 123 tal-Kap. 318 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regola 30 tal-L.S. 372.14). Jirrizulta

ampjament ippruvat kemm mid-dokumenti esebiti, (Dok. SA16 a fol. 57 tal-process) skond l-avviz mibghut lill-Abela mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, kif ukoll mix-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-istess Dipartiment a fol. 101 tal-process, li apparti t-taxxa u l-kontribuzzjonijiet dovuta, hemm ukoll dovuti it-taxxa u l-kontribuzzjonijiet addizzjonali (ghan-nuqqas ta' sottomissjoni tal-formoli mehtiega u konsegwentement ghall-flus li sal-lum ghadhom ma thallsux lill-Gvern), li llum ilahhqu somom sostanzjali u tant severi li effettivament ghandhom jitqiesu bhala sanzjoni ta' natura penali. Sal-lum, dawn is-sanzjonijiet, ma jirrizultax li gew irtirati jew mahfura.

"Ghalhekk huwa ritenut li, process kriminali kontra l-imputat fuq l-istess fatti, jew fuq l-istess nuqqasijiet, bil-konsegwenza li ser jigi processat u possibilment penalizzat darbtejn, tassew jirrizulta li jinkiser il-principju ta' *ne bis in idem,* hekk kif sancit taht l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

"Bhala rimedju, l-imputat qieghed jitlob ordni minn din il-Qorti sabiex il-proceduri penali li minnhom saret referenza jitwaqqfu minnufih, kif ukoll kumpens ghal danni non-pekunarji minhabba l-lezjonijiet mgarrba minnu.

"Madankollu kif ritenut qabel, u kif korrettement sottomess mill-abbli difensur tal-Avukat Generali, din il-Qorti hija marbuta mat-termini tar-referenza kostituzzjonali li saritilha mill-Qorti Referenti u konsegwentement ikollha tqis fedelment il-kwistjoni fil-mod u t-termini mghoddijin lilha mill-Qorti li tkun ghamlet ir-referenza (ara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Lulju, 2000, fl-ismijiet **Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija**). Ladarba l-procedura ordinarja tkun ghada ghaddejja, kull ma jkun mehtieg huwa li din il-Qorti tirrispondi l-mistoqsija maghmula mill-ewwel Qorti u toffri lill-Qorti Referenti l-gwida mitluba permezz tal-istharrig kostituzzjonali mwettaq minn din il-Qorti".

## L-Appell

4. Permezz ta' rikors prezentat fit-13 ta' Mejju 2016 l-appellanti qed jitolbu li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tirrevokaha ghall-kumplament u, minflok, tirrispondi ghar-referenza tal-Qorti tal-Magistrati billi ma ssibx li kien hemm dewmien ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni da parti tal-Kummissarju appellant sabiex iressaq il-

proceduri kriminali kontra l-appellat u, ukoll, billi ma ssibx li l-istess proceduri kriminali jiksru d-dritt fundamentali tan-*ne bis in idem* fil-konfront tal-appellat, kif sancit fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-imputat.

5. L-appellanti qed jibbazaw l-appell taghhom fuq zewg aggravji: [1] li mhux minnu li kien hemm dewmien leziv tal-Artikolu 6 [1] tal-Konvenzjoni sabiex jitressqu l-proceduri kriminali kontra l-appellat peress li d-dekorriment taz-zmien kellu jitqies mid-data li fiha l-appellat kien gie mgharraf li kien qed jigi investigat, u mhux mid-data li fiha sar l-allegat reat u, [2] li ma kienx hemm ksur tal-principju tan-*ne bis in idem*, stante li, meta nbdew il-proceduri kriminali, ma kienx hemm multi amministrattivi li jikkwalifikaw bhala '*criminal charges*'.

6. Minn naha tieghu l-appellat ipprezenta risposta fl-24 ta' Mejju 2016 li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm indikati qed jitlob li l-appell jigi michud u s-sentenza appellata tigi konfermata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Il-Fatti

7. Fit-13 ta' Jannar 2000 kienet giet registrata l-kumpanija Carmela Contractors Limited li taghha Joseph Camilleri u Angelo Abela [l-appellat] kienu d-diretturi.

8. Illi f'Lulju 2003 il-kumpanija ssottomettiet tardivament u minghajr pagament id-dokumenti[1] FS3s u FS7s ghas-sena 2000 u, f'Ottubru 2011 regghet issottomettiet l-imsemmija dokumenti tardivament u minghajr pagamenti. Wara s-sena 2001 ma jirrizultax li l-imsemmija kumpanija kellha aktar impjegati, izda ghas-sentejn precedenti baqa' ma sar ebda pagament.

9. Konsegwenza ta' dan il-Kummissarju tat-Taxxi hareg Avviz ta' Talba fil-konfront ta' Joseph Camilleri bhala wiehed mid-diretturi tal-kumpanija li bhala pagatur kienet naqset milli tibghat il-hlas dovut ta' taxxa tal-FSS u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali mnaqqsa mill-pagi tal-haddiema tal-kumpanija.

10. B'ittra datata 15 ta' Mejju 2008 l-istess Kummissarju tat-Taxxi rega' hareg Avviz ta' Talba lill-kumpanija u, peress li ma kien irceva ebda risposta, fil-25 ta' Awwissu 2008 hareg Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis.

11. Dawn l-avvizi ntbaghtu fl-indirizz residenzjali tal-appellat li minn naha tieghu rrisponda b'ittra bla data li waslet fl-ufficcju tal-Kummissarju fil-11 ta' Settembru 2008.

[1] Skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap.372] u r-Regoli dwar Final Settlement System [FSS] [Legislazzjoni Sussidjarja 372.14]

12. Minhabba n-nuqqasijiet ravvizati da parti tal-kumpanija, fit-8 ta' Lulju 2010[2] inharget twissija lill-istess kumpanija sabiex din tirregolarizza l-pozizzjoni taghha u, fin-nuqqas, kienu ser jinbdew proceduri kriminali skont il-ligi.

13. B'ittra datata 3 ta' Awissu 2010, mibghuta fl-indirizz residenzjali tal-appellat il-kumpanija giet avvzata bl-ezistenza ta' skema li permezz taghha setghet tirratifika l-pendenzi li kellha mal-Kummissarju tat-Taxxi u tibbenefika minn riduzzjoni sostanzjali[3] ta' 90% u 80% tal-penali u tal-interessi relattivi. Izda l-kumpanija naqset milli tuzufruwixxi minn din l-iskema.

14. Fil-31 ta' Mejju 2011 l-appellat kien gie imharrek sabiex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati mixli li, bhala direttur tal-imsemmija kumpanija, naqas li jibghat, ghas-snin 2000 u 2001 il-formoli tat-taxxa skont id-dispozizzjonijiet tar-regoli imsemmija fl-Artikolu 23 [1] u [2] tal-Kap.372, kif ukoll skont ir-regoli tal-Legislazzjoni Sussidjarja 372.14. Huwa kien gie notifikat bit-tahrika fl-4 ta' Lulju 2011 u li l-kaz kien gie appuntat ghall-15 tal-istess xahar.

15. Sussegwentement, fid-19 ta' Ottubru 2011 u allura fil-mori tal-proceduri kriminali, gew prezentati d-dokumenti rikjesti mill-ligijiet fuq

[2] Fol.58
[3] Skont kif isir il-hlas

indikati, hlief ghad-dokument FS5; izda l-pagamenti relattivi baqghu ma sarux. Ukoll, fil-mori ta' dawk il-proceduri saret ir-referenza *de quo*.

L-Aggravji

*L-Ewwel Aggravju*

16. Dan hu fis-sens li, sabiex tidhol fis-sehh il-protezzjoni garantita bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jehtieg li jkun hemm '*criminal charge*' kontra l-individwu.

17. Fil-kaz prezenti c-*charge sheet* kontra l-appellat harget fil-31 ta' Mejju 2011 u, allura hija din id-data, li fiha kienu nbdew il-proceduri kriminali kontra tieghu, li ghandha titqies bhala d-*dies a quo* sabiex jigi determinat jekk kienx hemm jew le dewmien irragjonvoli u mhux is-snin 2000 u 2001 li fih sehh l-allegat reat. Izda, anke jekk kellha ghall-grazzja tal-argument tintlaqa' t-tezi li z-zmien kellu jibda jiddekorri minn meta giet inizjata l-investigazzjoni, xorta wahda ma setghax jitqies iz-zmien ta' qabel id-data tat-8 ta' Lulju 2010 li hi d-data meta l-appellat kien gie inwissi li, f'kaz ta' inadempjenza mal-ligijiet fuq indikati, kienu ser jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni minhabba dewmien irragjonevoli.

18. L-appellanti jkomplu jilmentaw li, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-ewwel Qorti, l-Artikolu 6 fuq indikat ma japplikax ghal kaz odjern stante li l-lanjanza tal-appellanti la tammonta ghal determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi civili tieghu u lanqas ghal akkuza kriminali kontra tieghu, imma hija wahda purament fiskali u bhala tali tezorbita mid-defenizzjoni ta' drittijiet u obbligi civili.

19. Dwar l-akkuza kriminali, l-appellanti jfissru li l-lanjanza tal-appellat riferita lill-Qorti tal-Magistrati lanqas ma tirreferi ghal 'akkuza kriminali' kontra tieghu imma "tirreferi ghal qabel ma ttiehdu l-proceduri kriminali kontrih u, cioe` ghall-mument meta l-kwistjoni kienet ghadha wahda purament ta' natura fiskali, filwaqt li l-protezzjoni sancita fl-Artikolu 6 tiskatta biss minn meta l-akkuzat jigi formalment notifikat bl-akkuza kontra tieghu jew mill-mument li huwa jkun affettwat b'mod sostanzjali b'rizultat ta' suspett kontra tieghu". Fil-kaz odjern l-appellat ma kienx qed jigi investigat ghal ebda reat kriminali qabel l-4 ta' Lulju 2011 meta gie notifikat bit-tahrika kriminali.

20. Jilmentaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rrimarkat li, minkejja li l-allegati reati kienu sehhew fis-snin 2000 u 2001, Joseph Camilleri kien gie interpellat mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex ihallas dak dovut mill-kumpanija sa mis-sena 2003, u l-appellat kien gie interpellat fis-sena 2008 u, ghalhekk tmien snin wara li sehhew

l-allegati nuqqasijiet. L-appellanti jissottomettu li, kieku kellu jigi accettat dan l-argument, ikun ifisser li l-Kummissarju tat-Taxxi, f'kaz ta' inottemperanza mal-obbligi fiskali da parti ta' individwi, ghandu jipprocedi minnufih minghajr ma jipprova jinterpella lil minn ghandu l-obbligu jhallas taht l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi b'ittri bonarji u bi proceduri civili b'tentattiv sabiex jigu evitati proceduri gudizzjarji.

21. Fil-kaz odjern, wara tentattivi inutili da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jgieghel lill-appellat u lid-direttur l-iehor[4] jottemperaw ruhhom mal-ligi, huwa talab lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jipprocedi kriminalment kontra l-appellat. Minn naha tieghu, dan il-Kummissarju hareg l-akkuzi minnufih u ma jistax validament jinghad li kien hemm xi trapass ta' zmien irragjonevoli mid-data li l-appellat kien gie mgharraf li kienu ser jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu fit-8 ta' Lulju 2010 sa meta effettivament inhargu l-akkuzi f'Mejju tas-sena 2011.

22. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, iz-zmien li ghadda minn meta sehhew l-allegati reati sakemm il-Kummissarju tat-Taxxi rrefera l-kwistjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija kellu jitqies mill-ewwel Qorti bhala zmien impjegat mill-Kummissarju tat-Taxxi intiz sabiex jaghti lill-appellat u lil siehbu Joseph Camilleri l-opportunita` sabiex dawn, bhala diretturi tal-kumpanija, jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom qabel ma jinghata

[4] Li miet fil-11 ta' April 2013

bidu ghall-proceduri kriminali. Ghalhekk, iz-zmien li ttiehed mill-Kummissarju tat-Taxxi sakemm dan wasal sabiex irreferi l-kaz lill-pulizija ma jistghax jitqies bhala wiehed kapriccuz u ntiz sabiex jizvantaggja lill-appellat fid-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

23. Rigward il-pregudizzju li skont l-ewwel Qorti garrab l-appellat fid-dritt tieghu ghal smigh xieraq minhabba li kien ghadda hafna zmien mis-snin li fih kienu sehhew l-allegati reati sakemm eventwalment tressaq il-Qorti, l-appellanti jissenjalaw li d-dokumenti rikjesti mill-ligi kienu fil-fatt gew prezentati fid-19 ta' Ottubru 2011, u allura meta d-direttur l-iehor li kien jiggestixxi l-finanzi tal-kumpanija kien ghadu haj, u kull ma fadal kien li jsiru l-pagamenti skont dawk id-dokumenti. Ghalhekk huwa insostenibbli l-ilment tal-appellat li minhabba t-trapass taz-zmien huwa ma setghax iressaq l-ahjar difiza ghalih ghax m'ghandux access ghad-dokumenti u jressaq l-ahjar xhieda u provi biex jirribatti ghall-akkuzi li hu mixli bihom. Barra minn hekk, il-fatt li l-appellat kien halla l-gestjoni tal-kumpanija f'idejn id-direttur l-iehor u ma nvolva ruhu f'xejn f'dan ir-rigward m'ghandux jimmilita favur tieghu, ghax hu, bhala direttur tal-kumpanija, kellu l-interess u l-obbligu li jizgura li l-obbligi fiskali tal-kumpanija kienu qed jigu onorati.

24. Jikkonkludu bl-osservazzjoni li l-kaz ta' John Geranzi Limitited citat mill-ewwel Qorti ma jista' jkun ta' ebda konfront lill-appellat, stante li

l-fatti f'dak il-kaz kienu differenti hafna minn dawk tal-kaz odjern. F'dak il-kaz, peress li l-Kummissarju tat-Taxxi dam izjed minn 27 sena sabiex johrog Avviz ta' Rifjut minn oggezzjoni wara stima mahruga kontra l-kumpanija, John Geranzi ma seghtax jipprocedi bl-appell minn dik l-istima quddiem il-Bord tal-Kummissarju Specjali u sussegwentement quddiem il-Qorti tal-Appell.

25. L-appellat jirribatti ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti.

26. Illi l-protezzjoni taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tista' u, f'dan il-kaz qeghda, tigi estiza anke dwar il-perjodu ta' qabel ma gew istitwiti l-proceduri gudizzjarji kontra tieghu, jigifieri fl-istadju investigattiv. Hu jiccita fir-rigward il-kaz **Imbroscia v. Switerland**.[5] Ikompli jissottometti li hu ormai stabbilit li sabiex jigi determinat jekk process isirx fi zmien ragjonevoli tali zmien jibda jiddekorri hekk kif il-persuna tkun taf li hemm *"charge"* kontra taghha. Huwa wkoll ben stabbilit li l-kelma "*charge"* ghandha tifsira awtonoma, u mhux necessarjament tirreferi ghal akkuza formali li hija mehtiega sabiex jigi mniedi l-process penali, u tista' tirrisali ghaz-zmien ta' qabel il-proceduri biex tkopri l-istadju meta l-persuna koncernata tkun ufficjalment saret taf bl-investigazzjoni jew bdiet tigi affettwata biha.

[5] Appl.13,972/88, deciza 24 ta' Novembru 1993

27. Jissottometti li, fil-kuntest ta' proceduri penali, iz-zmien relevanti huwa dak li fih kien sehh l-allegat reat konsistenti fin-nuqqas tal-hlas ta' taxxa ta' dhul u bolol tal-impjegati tal-kumpanija; ukoll f'dan iz-zmien l-awtoritajiet setghu jidentifikaw minn kienu l-persuni responsabbli ghal dak l-allegat nuqqas, jigifieri d-diretturi tal-istess kumpanija. Ghalhekk isostnu li huwa mis-snin 2000 u 2001 li kellha tigi komputata d-*dies a quo* ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vertenza jekk iz-zmien li thalla jghaddi sakemm inbdew il-proceduri kien wiehed ragjonevoli ghall-finijiet tal-Artikolu 6. Madankollu, huma jikkontendu li, jekk din it-tezi ma tigix accettata, il-perjodu kellu jibda jiddekorri *se mai* mhux aktar tard mil-15 ta' Mejju 2008 meta d-Dipartiment ikkomunika direttament mal-appellat dwar il-pendenza fiskali li kellu mal-kumpanija.

28. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Kummissarju tat-Taxxa kellu l-obbligu li jipprocedi kriminalment kontra l-appellat u ma jhallix jghaddi daqshekk zmien inutilment qabel ma jiddeciedi li jiehu passi fil-qorti, ghax huwa proprju dan id-dewmien li huwa ta' pregudizzju lill-appellat li allura sar aktar difficli ghalih li jressaq id-difiza tieghu. Dan ghaliex, miz-zmien li sehhet l-infrazzjoni 'l hawn sar hafna aktar difficli ghall-appellat li jirrintraccja d-dokumenti u l-kotba tal-kumpanija ghax id-direttur li kien inkariga li jzomm l-istess kotba u dokumenti lahaq miet. Bir-rizultat li l-appellat safa jiffaccja l-konsegwenzi kollha meta dan huwa sprovvist

minn kull taghrif li permezz tieghu jista' jasal biex jiddetermina jekk l-ammonti pretizi mill-awtoritajiet fiskali humiex korretti jew le.

29. Ghaldaqstant hija bla bazi s-sottomissjoni tal-appellanti li f'dak iz-zmien, qabel il-proceduri penali, il-kwistjoni kienet wahda purament fiskali u li allura kienet tezorbita mill-protezzjoni moghtija mill-imsemmi artikolu konvenzjonali. Ladarba l-ksur in kwistjoni, minkejja li ta' natura fiskali, kien jikkostitwixxi reat kriminali u kien kwindi soggett ghal piena, isegwi illi l-kwistjoni qatt ma kienet purament fiskali ladarba l-appellat kien *ab initio* espost ghal proceduri kriminali.

30. Jghid li, anke jekk id-*dies a quo* kellha tittiehed id-data tal-15 ta' Mejju 2008, xorta wahda perjodu ta' tlett snin sabiex jittiehdu proceduri penali huwa rragjonevoli tenut kont tal-fatt li l-kaz ma kien jipprezenta ebda materja komplessa fil-mertu, la biex jigi deciz, la biex jigi investigat u lanqas biex issir il-prosekuzzjoni tieghu. Ma' dan jinghad li minn naha tieghu l-appellat ma ghamel xejn, bl-imgieba tieghu, sabiex itawwal iz-zmien jew biex ifixkel l-investigazzjoni necessarja. Huwa relevanti l-fatt li, minkejja li tressqu zewg persuni li fiz-zmien relevanti kienu jokkupaw il-kariga ta' Kummissarju fl-istess Dipartiment, hadd minnhom ma kien kapaci jaghti raguni ghaliex thalla daqshekk zmien jghaddi qabel ma ddecidew li jipprocedu gudizzjarjament.

31. Ghall-argument tal-appellanti li r-raguni li kien z-zmien jghaddi sabiex jikkoncedu opportunita` lill-appellat li jottempera ruhu, l-appellat jghid li dan ma rrizultax mill-provi u huwa semplici “trovata” biex l-appellanti jiggustifikaw l-inerzja taghhom ghal snin twal.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

32. Bazikament l-ilment tal-appellanti huwa li t-tul ta’ zmien minn mindu sehh l-allegat reat fis-snin 2000 u 2001 sakemm eventwalment fis-sena 2011 ittiehdu proceduri kriminali kontra l-appellat ma huwiex leziv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq, la minhabba dewmien meqjus mill-ewwel Qorti bhala irragjonevoli, u anqas minhabba li, skont l-appellat, it-tul taz-zmien li thalla jghaddi ippregudikah fid-difiza tieghu. L-appellat jghid li, minhabba li thalla jghaddi hafna zmien huwa ma setghax isib id-dokumenti necessarji ghad-difisa tieghu, anke ghax l-aspett tal-gestjoni tal-kumpanija kien thalla kompletament f’idejn id-direttur l-iehor li tul il-pendenza lahaq miet.

33. Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, ghalkemm iz-zmien relevanti ghall-allegat nuqqasijiet tal-kumpanija huma s-snin 2000 u 2001, l-appellat kien gie mgharraf li ser jittiehdu passi kriminali kontra tieghu fit-8 ta’ Lulju 2010 u, ghalhekk huwa minn din id-data li huwa seta’ gie sostanzjalment affettwat bil-konsapevolezza li l-Kummissarju kellu l-

hsieb li jiehu proceduri kriminali kontra tieghu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-perjodu li jirrizali qabel dik id-data ma jistax jigi komputat fid-determinazzjoni dwar jekk iz-zmien li qed jiehdu l-proceduri kriminali huwiex wiehed ragjonevoli jew le. Ghaldaqstant, tenut kont li l-proceduri kriminali kontra l-intimat gew inizjati fil-31 ta' Mejju 2011, sena mid-data tal-ittra interpellatorja, l-ilment tal-intimat in kwantu bazat fuq dewmien irragjonevoli sabiex jittiehdu passi kriminali kontra tieghu huwa fattwalment u legalment insostenibbli.

34. Fit-tieni lok, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi dam 10 snin biex iressaq lill-appellat quddiem il-qrati kriminali kien leziv tad-dritt tal-appellat ghal smigh xieraq. Il-parti relevanti tas-sentenza taqra hekk:

> "dan id-dewmien effettivament kien ta' pregudizzju ghall-imputat tenut kont tac-cirkostanzi fejn siehbu fin-negozju miet, li huwa m'ghandux access ghad-dokumenti ta' xejn …… [u] li l-imputat ma jistax jressaq l-ahjar difiza ghalih, peress li huwa impossibbli ghalih jipprezenta l-ahjar dokumenti, l-ahjar xhieda jew provi biex jirribatti l-akkuzi imressqa fil-konfront tieghu u dan minhabba z-zmien esagerat li l-Kummissarju ha biex jiehu l-passi fil-konfront tal-imputat".

35. F'dan ir-rigward huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet;

36. Il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi halla sas-sena 2008 sabiex jinterpella formalment lill-appellat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz ta' Nuqqas ta' Tharis m'ghandux fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jimmilita kontra tieghu, kif lanqas m'ghandu jillimita kontra l-appellanti l-fatt li l-

Kummissarju dam sas-sena 2010 sabiex iwissi lill-appellat li sejrin jittiehdu passi kriminali kontra tieghu jekk ma jottemperax ruhu mal-ligi, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

37. Fl-ewwel lok, huwa fatt notorju li l-Kummissarju tat-Taxxi ma jipprocedix minnufih bil-proceduri gudizzjarji specjalment penali f'kaz ta' nuqqas ta' hlas ta' dak dovut lill-ererarju pubbliku imma jipprova jasal fi ftehim bonarju ma' min ghandu pendenzi tal-hlas ta' taxxa. Dan isir mhux biex jigi pregudikat il-pagatur izda biex dan ikollu l-opportunita` ampja biex jaderixxi ruhu mal-ligi.

38. Fit-tieni lok tosserva li, fil-kaz odjern, l-appellat ma gabx provi sodisfacenti biex juri kif id-dewmien biex jittiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu kien ta' pregudizzju ghad-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Ghalkemm isostni li kawza ta' dan id-dewmien huwa ma setghax iressaq l-ahjar provi, anke ghax miet siehbu d-direttur li kien jiehu hsieb il-gestjoni finanzjarja tal-kumpanija, il-provi juru mod iehor. Dan id-direttur Joseph Camilleri miet f'April 2013 u, allura, sentejn wara li nbdew il-proceduri kriminali u tlett snin wara li l-appellat kien irceva t-twissija da parti tal-Kummissarju, li jfisser li f'dak iz-zmien l-appellat kellu zmien sufficjenti biex jagixxi kontra s-sieheb tieghu fin-negozju u jezigi minghandu li jinghata d-dokumentazzjoni kollha mehtiega ghad-difiza tieghu. Barra minn hekk, in-nuqqas da parti tal-appellat li matul is-snin

2000 u 2001 jiehu interess fil-gestjoni tal-kumpanija huwa nuqqas li r-responsabbilita` ghaliha ghandu jgorrha hu biss. Ladarba huwa kien direttur huwa kellu jaderixxi ruhu mal-obbligi kollha ta' direttur u jinteressa ruhu anke fl-aspett finanzjarju tal-kumpanija li tieghu, kemm siehbu kif ukoll hu, huma f'ghajnejn il-ligi responsabbli ghall-obbligi tal-kumpanija; *multo magis* fid-dawl ta' dak li xehed[6] l-appellat stess li hu kien ghamel garanzija lill-kumpanija.

39. Inoltre, ir-raguni moghtija[7] mill-appellat biex jiggustifika ghaliex hu qatt ma kien fittex lil Joseph Camilleri sabiex dan jghaddilu d-dokumenti necessarji, peress li ma kellux flus biex ihallas lill-avukati, hija dghajjfa tenut kont li fl-ordinament guridiku lokali jezisti l-istitut tal-beneficcju tal-ghajnuna legali u, allura l-fatt li l-appellat naqas f'dan ir-rigward – *imputet sibi.*

40. Apparti minn hekk dan l-argument tal-appellat idghajjef l-argument tieghu li d-dewmien biex jittiehdu passi kriminali kontra tieghu pprivah milli jgib l-ahjar prova, ghax ladarba hu ma kellux l-hsieb li jipprocedi kontra Joseph Camilleri biex jakkwista d-dokumenti minghandu ghar-raguni fuq indikata minnu, allura t-trapass taz-zmien huwa f'dan ir-rigward fattur irrelevanti.

---

[6] Fol.102 – Dep.15 ta' Ottubru 2014
[7] Fol.103 – *Ibid.*

41. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju*

42. Dan jirreferi ghal dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkonkludiet li, bil-ftuh tal-proceduri kriminali kontra l-appellat dan kien qed jigi processat darbtejn u possibilment penalizzat darbtejn ghall-istess fatt, u dan bi ksur tal-principju tan-ne bis in idem protett bl-Artikolu 4 tal-Seba' Protokoll tal-konvenzjoni.

43. L-appellanti jissottomettu li "hu manifest li fic-cirkostanzi odjerni l-imputat ma gie soggett ghall-ebda proceduri jew kastig darbtejn ghall-istess reat". Jilmentaw li l-ewwel Qorti ma ghamlitx id-distinzjoni xierqa li tezisti bejn it-taxxa addizzjonali u multa ta' natura penali. Il-multi ta' natura penali jigu ordnati mill-Qorti tal-Magistrati a tenur tal-Artikolu 23[13] tal-Kap.372 f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' reat kriminali u huma pagabbli lir-Registratur tal-Qorti. Minn naha l-ohra t-taxxa addizzjonali hi pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi fil-kaz li l-pagatur ma jottemperax ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-Kap.123, il-Kap.372 u l-L.S. 372.14; din hi purament amministrattiva li tirrizulta mill-Artikolu 24 Skeda C tal-istess L.S. Ghalhekk din it-taxxa hija purament amministrattiva u ma tista' qatt tigi klassifikata bhala piena. Jissottomettu li fil-kaz odjern *"il-penali*

*fiskali hija ragjonevoli u necessarja ghall-protezzjoni tat-taxxa u ma tammonta ghall-ebda criminal charge*". Ghaldaqstant ma tistax tikkonfigura lezjoni tal-artikolu protokollari in dizamina.

44. Ikomplu jishqu li l-appellat qatt ma kellu proceduri ohra kontra tieghu ghan-nuqqasijiet addebitati lilu ghajr ghall-proceduri kriminali u t-taxxa addizzjonali hija "purament ta' natura amministrattiva" u ma hijiex xi sanzjoni imposta minn qorti ohra bhal ma kien il-kaz ta' **Lucky Dev v. Sweden**.[8] Jissenjala li f'dak il-kaz il-Qorti Ewropea osservat li, dak li kien vjolattiv tal-artikolu protokollari in dizamina mhuwiex li kien hemm proceduri ghaddejjin fl-istess waqt, jigifieri dawk amministrattivi u dawk penali, izda l-fatt li meta l-proceduri kriminali kienu saru finali, il-proceduri amministrattivi tkomplew. Huma jiccitaw kazistika Ewropea f'dan is-sens, jigifieri li l-vjolazzjoni tiskatta "if the first set of proceedings has already become final when the second set of proceedings is initiated".[9] Isemmu wkoll bhala ezempju l-kaz **Zolotukin v. Russia**[10] fejn il-Qorti Ewropea osservat li – "The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No.7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata." u kompliet tosserva li l-punt tat-tluq huwa li jigi determinat jekk "the facts in both proceedings were identical or

---

[8] Appl.7356/10, deciza 27 ta' Novembru 2014

[9] **Nykanen v. Finland**, appl.11828/11, deciza 20 ta' Mejju 2014, u **Kiiveri v. Finland**, appl.537/12, deciza 10 ta' Frar 2015

[10] Appl.14939/03, deciza 10 ta' Frar 2009

substantially the same”. Huwa f’dan il-kaz li jinghata lok ghal ksur tal-artikolu fuq citat.

45. Ghaldaqstant l-appellanti jissottomettu li, tenut kont li f’dan il-kaz il-proceduri kriminali migjuba kontra l-appellat kienu “l-unici proceduri dwar il-kwistjoni de quo” u qatt ma ttiehdu proceduri ohra kontrih, allura l-lezjoni konvenzjonali ma tikkonfigurax.

46. Jikkonkludu billi jissenjalaw li anke jekk dato ma non concesso l-impozizzjoni ta’ taxxa addizzjonali kellha “titqies li tammonta ghal decizjoni wara prosekuzzjoni quddiem qorti tal-gustizzja, l-impozizzjoni ta’ dik it-taxxa ma hijiex wahda finali inkwantu l-appellat ghandu l-fakolta` li jidhol fi ‘ftehim ta’ hlas’ b’referenza ghal taxxa u kontribuzzjonijiet ta’ sigurta’ socjali li gew dikjarati bhala mnaqqsa milli pagi tal-impjegati tal-kumpanija u jinghata riduzzjoni awtomatika fl-ammont ta’ 60% jew aktar. Ghaldaqstant ma jistax jinghad li t-taxxa addizzjonali imposta mhijiex finali.

47. L-appellat iwiegeb ghal dan l-aggravju bil-mod segwenti.

48. Huwa jibda billi jaghmel referenza ghall-kaz **Angelo Zahra v. Onor.Prim’Ministru**[11] fejn din il-Qorti osservat li f’dak il-kaz it-taxxa addizzjonali li kienet giet imposta fuq l-attur kienet tant severa li tqieset

[11] Deciza 29 ta’ Mejju 2015

bhala ta' natural kriminali bl-effett legali konsegwenzjali li l-proceduri kriminali mressqa kontra l-attur kienu vjolattivi tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni. L-appellat isostni li dan japplika wkoll fil-kaz odjern.

49. Jissenjala li skont il-gurisprudenza kopjuza tal-Qorti Ewropea fir-rigward, il-kwistjoni jekk sanzjoni ghandhiex tigi kwalifikata bhala kriminali jew le jiddependi minn dak li llum huma maghrufa bhala "The Engel Criteria", jigifieri, [1] "the legal classification of the offence under national law, [2] the very nature of the offence and, [3] the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring".[12]

50. Mill-atti[13] jirrizulta li t-taxxa addizjonali giet imposta fuq l-appellat bis-sahha tal-Artikolu 24 tal-Avviz Legali 88/1998 u anke l-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali. Huwa jissenjala li kemm l-Artikolu 24[1] A.L kif ukoll l-Artikolu 49[1] tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa [Kap.372] jissanzjonaw in-nuqqas tat-tharis tar-regolamenti bhala offiza kriminali.[14] Huwa jsostni li minn qari ta' dawn id-dispozizzjonijiet, il-ligi qed tikkontempla ghall-istess nuqqas kemm l-impozizzjoni ta' taxxa addizzjonali u kemm il-prosekuzzjoni tal-persuna li naqset ghar-reat kriminali li jgorr pieni ohra fih innifsu.

[12] **Hakka v. Finland**, deciza 20 ta' Mejju 2014
[13] Fol.56
[14] L-Art.49[1] jaqra hekk: " Kull persuna li tikser jew tonqos li thares xi wahda mid-dispozizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxi jew ta' xi regoli maghmula bis-sahha taghhom tkun hatja ta' reat" li jista' jwassal ghall-multa ta' bejn €23 u €116

51. Jissenjala wkoll li dak li l-ligi ssejjah bhala “kontribuzzjoni addizzjonali” u li huwa regolat bl-Artikolu 116 tal-Att dwar is-Sigurta` Socjali [Kap.318], bl-Artikolu 119 tal-istess Att jekwivali wkoll ghal reat kriminali li jgorr mieghu il-piena ta’ ammenda ta’ mhux anqas minn €11.65.

52. Ghaldaqstant l-impozizzjoni ta’ taxxa addizzjonali/kontribuzzjonijiet addizzjonali huma klassifikati skont il-ligi taghna bhala offizi kriminali. B’hekk jirrizultaw sodisfatti l-ewwel u t-tieni kriterju.

53. Rigward it-tielet kriterju, li jirreferi ghas-severita` tal-multa li ghaliha l-persuna tkun suggetta, jissenjala li l-Artikolu 23 jista’ jaghti lok ghal taxxa addizzjonali li fil-kaz tieghu tammonta ghal ghexieren ta’ eluf ta’ Euro, kif jirrizulta mix-xhieda[15] tar-rapprezentant tad-Dipartiment. L-istess jista’ jinghad ghal ksur tal-Artikolu 116 fuq indikat. Ikompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> “Ghalhekk, meqjus il-fatt li s-sanzjoni kontemplata ghal dawn il-ksur hija wahda li mhux biss tista’ tkun pezanti, imma tirrizulta ampjament li hi pezanti u, meqjus ukoll il-fatt li l-impozizzjoni ta’ dawn is-sanzjonijiet hija certament wahda ta’ natura punittiva u mhux retributorja jew min-natura ta’ rizarcament, l-esponent umilment jissottometti li ….. is-sanzjonijiet in dizamina huma tali li jirrendu l-ksur relattiv wiehed ‘kriminali’ ai termini tat-tifsira awtonoma mhaddna mill-Konvenzjoni, tant li testendi l-protezzjoni tal-Artikolu 4 tas-Seba’ Protokoll tal-

[15] Fol.100 - 101

> Konvenzjoni anke ghall-procedimenti li jittiehdu bil-ghan ta' imposizzjoni ta' sanzjoni."

54. Fil-kaz odjern jirrizulta pacifiku li, kemm il-process penali odjern kif ukoll it-taxxa addizzjonali imposta fuq l-appellat huma entrambi konsegwenti tal-istess fatt, jigifieri n-nuqqas tieghu li jnaqqas it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati tal-kumpanija u jhallas l-ammonti hemm imnaqqsa lill-Kummissarju tat-Taxxi. Ghalhekk, la darba hemm l-identicita` tal-fatt, u kif ukoll tar-reat, ma hemmx dubju li l-procediment penali li minnu saret din ir-referenza jledi d-dritt fundamentali tieghu tutelat bl-artikolu protokollari fuq indikat, stante li hu immirat li jipprokura kastig fil-konfront tieghu ghal nuqqas li dwaru huwa diga` jinsab kastigat.

55. Rigward is-sottomissjoni tal-appellanti li l-kaz ta' **Lucky Dev v. Sweden** mhuwiex applikabbli gal kaz odjern, stante li l-fatti[16] ma kienux l-istess, l-appellat jsostni l-kuntrarju bil-mod segwenti:

> "Dan ghaliex fuq kollox l-applikabilita' tal-gurisprudenza ma tiddependix fuq l-identicita' tal-fatti, kif donnom jippretednu l-appellanti, imma fuq l-identicita' tan-nodum juris…. Li fil-kaz in dizamina huwa l-fatt li nuqqas fiskali jigi meqjus, ghall-finijiet tal-Konvenzjoni , ekwivalenti ghal nuqqas kriminali b'konsegwenzi penali. Kemm fil-kaz Lucky Dev u kemm fil-kaz odjern, l-applikanti kienu processati ghal aktar minn darbtejn fuq l-istess fatt, u f'entrambi l-kazijiet istanza wahda ta' ipprocessar, ghalkemm moghtija nomenklatura 'amministrattiva' [ghandha] effetti 'penali' minhabba s-severita' u n-natura tas-sanzjonijiet imposti."

[16] F'dak il-kaz il-kwistjoni kollha kienet naxxenti minn nuqqasijiet tal-applikant rigwadanti t-taxxa tad-dhul personali tieghu, mentri fil-kaz odjern, it-taxxa koncernata hija dik tal-impjegati.

56. Rigward in-natura finali tal-multa amministrattiva u b'referenza ghal dak osservat fil-kaz **Il-Pulizija v. Godwin Muscat**, l-appellat isostni li l-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi ghandu d-diskrezzjoni li jnaqqas it-taxxa addizzjonali ma jimmilitax kontra l-fatt li sakemm u jekk dan isir, dik il-multa ghandha legalment titqies bhala wahda finali.[17] Il-fatt li l-Kummissarju ghandu d-diskrezzjoni li jahfer it-taxxa addizzjonali, jew parti minnha, ma jfissirx li dik it-taxxa addizzjonali titlef il-karatteristika ta' piena definittiva. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Biex piena, jew sentenza, jitqiesu definittivi, kull ma huwa mehtieg huwa li ma jkunx hemm il-possibilita' legali li xi wahda mill-partijiet milquta b'dik id-decizjoni tikkontestaha ulterjorment …….. Huwa manifest fil-kaz odjern li l-esponent m'ghandu l-ebda mezz legali disponibbli lilu sabiex jikkontesta dik it-taxxa addizzjonali".

57. Barra minn hekk fil-kuntest ta' kull reat, tezisti l-possibilita` ta' mahfra jew remissjoni da parti tal-President tar-Repubblika, li potenzjalment timmina l-element tad-definittivita` tad-decizjoni tal-qorti.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

58. Fl-ewwel lok din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-kazistika ricenti taghha fir-rigward, senjatament il-kaz fl-ismijiet **Q.Kos. David Mifsud v. Prim Ministru**, deciza fl-24 ta' Gunju 2016 li fih gie citat b'approvazzjoni l-kaz **A.Kos. Angelo Zahra v. Onor.Prim Ministru**, deciza fid-29 ta' Mejju 2015, tirribadixxi li t-tehid ta' proceduri

[17] Fol.57; Fol.100-101

kriminali kontra individwu fuq l-istess fatt li dwaru kienu gew imposti fuqu multi amministrattiva ta' severita` tali li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali, huwa vjolattiv tal-artikolu protokollari in dizamina.

59. Fil-kaz odjern huma relevanti ghall-finijiet ta' dan l-aggravju s-segwenti osservazzjonijiet:

60. [1] Mill-provi jirrizulta li, filwaqt li fis-sena 2003 il-kumpanija kienet giet mitluba thallas lill-Kummissarju tat-Taxxi ghas-snin 2000 u 2001 l-ammont ta' €11,416 bhala taxxa/kontribuzzjoni socjali u l-ammont ta' €2,586[18] bhala taxxa addizzjonali, dawn l-ammonti komplew jizdiedu tant li fis-sena 2012 lahqu l-ammonti ta' €34,740.37 bhala taxxa/kontribuzzjoni socjali u €43,840.64[19] bhala penalitajiet u, tenut kont li l-appellat naqas milli jibbenefika mill-iskema ta' riduzzjoni offruta lilu, dawn il-penalitajiet ghadhom imposti fuqu.

61. Ghaldaqstant ghandu jirrizulta car li dawn il-penalitajiet mhumiex multi purament amministrattivi kif sostnut mill-appellanti, izda minhabba l-entita` u n-natura taghhom manifestament jikkwalifikaw bhala mizuri punittivi u ta' deterrent u, konsegwentemant ghandhom jigu meqjusa bhala ta' natura penali.

---

[18] Fol.56
[19] Fol.62

62. [2] Hu pacifiku li l-proceduri kriminali mressqa kontra l-appellat jirrigwardjaw l-istess nuqqasijiet li dwarhom gew imposti l-penalitajiet mill-Kummissarju, jigifieri l-allegat nuqqas da parti tal-appellat li dan ihallas it-taxxa fuq id-dhul u l-kontribuzzjonijiet socjali tal-impjegati tal-kumpanija u jhallas l-ammonti mnaqqas lill-Kummissarju tat-taxxi.

63. [3] L-argument tal-appellanti li l-multi amministrattivi ma jistghux jitqiesu bhala finali ghax jistghu jigu ridotti jekk l-appellat juzurfuwixxi mill-iskema ta' riduzzjoni offruta lilu ma jista' jkun ta' ebda konfort ghall-appellant, ghax dak li hu relevanti u determinanti fir-rigward huwa l-fatt li fil-mument li inbdew il-proceduri kriminali, u li ghadhom ghaddejjin, il-penalitajiet kienu diga' gew imposti fuq l-appellat u, wkoll, kienu baqghu jizdiedu fil-mori ta' dawk il-proceduri tant li sas-sena 2012 waslu ghas-somma komplessiva ta' €43,840.64 fuq indikata.

64. Fid-dawl tal-premess huwa car li f'dan il-kaz, bhall-kazijiet l-ohra fuq citati, it-tehid tal-proceduri kriminali kontra l-appellat meta dan kien, u ghadu, soggett ghall-multi 'amministrattivi' sostanzjali, ghall-istess nuqqasijiet huwa leziv tad-dritt tieghu protett fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protocol tal-Konvenzjoni.

65. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn instab li "d-dewmien kien leziv ghad-drittijiet tal-imputat kif imhares bl-Artikolu 6[1] tal-Konvenzjoni Ewropea" u, minflok, tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur ta' dan l-artikolu konvenzjonali; tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb